TARXIEN
Local Council

**Id-Disa' Leġislatura**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nu 10/2025**

Data: Il-Ħamis, 13 ta' Marzu 2025

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsilliera | Skużata |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | Skużat |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**10.1 Ittri ta' apoloġija**

10.1.1 Is-Sindku semma li s-Sur Glenn Vella u s-Sa. Anabelle Marmara talbu li jkunu skużati. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Neil Portelli tniżżlu skużati.

**10.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 9**

10.2.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu.9 hekk kif mibgħuta mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Dasier Damato, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**10.3 Preżentazzjoni u approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 9**

10.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Dasier Damato u s-Sa. Darlene Vella ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-14 ta' Frar 2025 u 13 ta' Marzu 2025 li kienet tammonta għal €61,723.33

10.3.2 Is-Segretarju rrimarkat li fl-iskeda kien hemm pagament ta' resident li qasam tyre minħabba ħofra fonda li tfaċċat bil-lejl wara l-maltemp li kien hemm għall-għarrieda. Is-Sindku propona li għandu jitħallas €50 mhux €75 minħabba li t-tyre kien użat għaldaqstant għandu jkun hemm xi forma ta' diprezazzjoni fuq l-ispiża ta' wieħed ġdid. Minkejja li kien hemm approvazzjoni, is-Sindku talab l-approvazzjoni sabiex hu jkun jista' jitkellem ma' sid il-vettura.

**10.4 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu 9**

| | |
|---|---|
| **10.4.1 Post vakant fi skala 17 – Gound Supervisor** | Is-Sindku semma li l-applikazzjoni infetħet għal nies interessati minn barra u sa l-aħħar t' April kellhom isiru l-intervisti. |
| **10.4.2 Bye-Law Leasing tal-Ground 5 a side** | Is-Sindku semma li wara direzzjoni mill-Kummissarju tal-Protezzjoni tal-Informazzjoni. Din għaddiet għand d-Data Protection Officer tal-Kunsill. Semma li kienu |

għadhom qed jistennew direzzjoni mill-avukat tal-Kunsill.

**10.4.3 Pjazza Tarxien**

Is-Sindku semma li s-sejħa ġiet evalwata u minn tgħarif li għandu ntgħażel il-kuntrattur.

**10.4.4 Enemalta**

Is-Sindku semma li hemm parti mit-Triq Annunzjata u kif ukoll parti minn Triq l-Iskola li saru xogħlijiet tal-Enemalta fihom u għadd iridu jingħataw it-tarmak.

**10.4.5 Rivista Kunsill Lokali Tarxien**

Is-Sindku irringrazzja lill-kunsilliera responsabbli s-Sa. Nicole Farrugia. Iddiskutew li r-rivista li jmiss għandha toħroġ lejn l-ewwel ġimgħa ta' Ġunju.

**10.4.6 Easter Egg Hunt**

Is-sindku fakkar li s-Sur Dasier Damato u s-Sa. Darlene Vella kienu qed jorganizzaw l-Easter Egg Hunt għat-tfal nhar Sibt il-Għid.

Is-Sur Dasier Damato semma li huwa kien lest mill-preparamenti li kien afdat bihom u li s-Sa. Darlene Vella kienet qed taħdem sabiex tikkordina sabiex jinġieb Mascot edukattiv.

**10.4.7 Anzjanita' Attiva**

Is-Sindku semma li l-inizjattiva sejra tajjeb ħafna. Semma li ser ikun hemm l-ewwel ħarġa kulturali l-Imdina u r-Rabat. Semma li din ser tkun bi ħlas ta' €15 sabiex jiġu koperti l-ispejjeż kollha inkluż l-ikel, train

ride u anki d-dħul ta' Roman Villa. Semma li l-Kunsill ser ikun qed iħallas biss it-transport.

**10.4.8 Triq San Anard**

Is-Sindku semma li x-xogħolijiet f' din it-Triq kienu għadhom għaddejjin.

**10.4.9 Sfilata tal-Karnival**

Is-Sindku semma li l-attivita' kienet waħda ta' suċċess u ser tkun qed terġa' tiddaħħal applikazzjoni għall-fondi sabiex tkun organizzata s-sena d-dieħla.

**10.4.10 Mental First Aid**

Is-Sindku semma li peress li l-ispiża kienet għolja sabiex issir kors akkredita wieħed għandu jikkunsidra li jsiru korsijiet iqsar.

**10.4.11 Kwotazzjonijiet għas-servizz ta' accountant u book keeper**

Is-Sindku nforma li s-servizz kien beda.

**10.4.12 Intervisti għall-Post Vakant fi Skala 11**

Is-Sindku nforma li l-impjegata l-ġdida ser tkun qed tibda min-nhar 14 t' April 2025.

**10.4.13 Jum il-Mara**

Is-Sindku semma li l-attivita' kienet ta' suċċess. Semma li xtaq jikkjarifika li l-Kunsill kien stieden ukoll lill-Onor. Julie Zahra, lill-Onor. Bernice Bonello, Mart il-Prim Ministru, mart il-Kap tal-Oppożizzjoni kif ukoll lill-

TARXIEN
Local Council

Onor. Zerafa Civelli li dawn kollha ma setgħux jattendu.

Is-Sindku xtaq jikkjarifika peress li kien hemm xi kummenti minn dawk li attendew li l-kelliema kienu minn partit politiku wieħed biss.

Rigward ir-rikonoxximenti, semma li ma ngħatatx deskrizzjoni għalfejn qed jingħata l-award peress li kien hemm xi għaqdiet li ma tawx raġunijiet għalfejn qed jinnominaw lil dik il-persuna.

**10.4.14 Food Handling**

Is-Sindku semma li l-kors ser jinżamm nhar 22 t' April fis-Sala tal-Komunita'.

**10.4.15 Triq it-Tempji Neolitiċi**

Is-Sindku semma li l-Pjazza quddiem it-tempji tlestiet. Semma wkoll li l-press call skedata mill-Ministru l-Onor. Owen Bonnici ġiet posposta għal data li titħabbar aktar 'l quddiem.

**10.4.16 Xogħolijiet Infrastruttura Malta**

Is-Sindku semma li kien tlesta xogħol ġewwa Triq it-Tamal, Triq Kutnett u Triq Lorenzo Gonzi.

Semma li ser jibda xogħol ġewwa Triq Dun Karm Sant. Filwaqt li kemm is-Sindku kif ukoll is-Sur Neil Portelli semma li ser tikun qed tingibed l-attenzjoni tar-residenti li l-Kunsill ma jistax jagħmel jew isewwi rampi taħt il-bankini wara x-xogħolijiet. Dan għaliex dan ir-rampi huma illegali u għaldaqstant mhux permess li dan ix-xogħolijiet isiru mill-Kunsill.

TARXIEN
Local Council

Is-Sindku semma li proġett ieħor li l-Kunsill applika għalih kien Vjal Kulħadd li minn din l-iskema l-Kunsill

ser ikun qed jagħmel ir-riġenerazzjoni ta' Triq San Tumas. Semma li dan il-proġett ser ikun qed isir kollu ffinanzjat minn Infrastruttura Malta. Ser tkun qed issir konsultazzjoni mar-residenti, culverts ġodda kif ukoll street lighting kollu ġdid. Semma li kienu bdew il-laqgħat ma' IM u dan il-proġett huwa stmat li ser jiswa 2.5 miljun Ewro.

Semma li proġett ieħor huwa Triq Paola. Semma li d-dati ta' implimentazzjoni ta' dan il-proġett ser ikollhom jiċċaqilqu minħabba l-Festi tar-Raħal. Semma li qed ikun issuġġerit li l-proġett jinqasam fi stadji sabiex idealment jitlesta fis-Sajf sa qabel tibda l-iskola.

Semma li l-ewwel fażi ħa tkun bejn 28 ta' Marzu sat-18 t' April bejn Triq Xintill sa Simmonds. Semma li r-rotta tal-purċissjoni tal-peagent tal-Ġimgħa Mqaddsa ser tinbidel sabiex ma jitwaqfux dawn ix-xogħolijiet. Semma li bejn Marzu u April ser jidħlu l-Enemalta jagħmlu xogħolijiet tagħhom. Semmew l-importanza tal-qlib tal-ilma. Issemmew ukoll il-possibbilita' li jsiru gutters imma li dawn irridu jsiru bl-approvazzjoni tar-residenti minħabba l-ħsejjes li jagħmlu meta jgħaddu vetturi minn fuqhom.

Is-Sindku semma li bejn Lulju u Settembru għandha issir konsultazzjoni mar-residenti.

TARXIEN
Local Council

**10.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

10.5.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill irċieva talba mill-Għaqda sabiex fil-Jum li fih ħa tkun iċċelebrata l-Lunzjata nhar 25 ta' Marzu il-Kunsill jixgħel bid-dawl it-toroq li minnha ħa tkun qed tgħaddi l-banda sabiex issir il-kxif tar-restawr tal-istatwa tal-Madonna tal-Lunzjata fi Triq Santa Marija li hija ffinanzjata mill-Kunsill. Għaldaqstant kien hemm qbil li peress li l-istatwa kienet iffinanzjata mill-Kunsill, il-Kunsill għandu jiffinanzja id-dawl sabiex jinxtelgħu t-toroq f' dan il-jum. Is-Sindku semma li n-nefqa ser tkun ta' €1,180.

Semma li il-quddies ser tibda 6:30pm u l-bidu tal-marċ ser ikun għall-ħabta ta' 8:30pm.

10.5.2 Is-Sindku semma li z-zebra crossing ta' Triq Sqajjaq kienet ser tinxtegħel.

10.5.3 Is-Sindku talab lis-Sur Dasier jispjega x' kien ġara fuq il-Kunsill ta' Tfal. Is-Sur Dasier spjega li xtaq jikkjarifika li kien hemm misunderstanding ġenwien bejnu bejn il-ħaddiema klerikali u bejn il-Fondazzjoni li jieħdu ħsieb dan il-Kunsill. Semma li jikkonferma li l-ħaddiema tal-Kunsill qatt ma qalet lill-Fondazzjoni li s-Sur Dasier Damato kien indispost u li l-Kunsill ta' tfal kellu jitħassar għax ma kienux jafu bih. Ried biss jikkjarifika li dan ma tħassarx min-naħa tal-ħaddiema tal-Kunsill semma li kien hemm persuna differenti mi-soltu li kienet qed tikkordina mill-Fondazzjoni u li kien hemm xi misunderstanding. Semma li huwa għad m għandux komunikazzjoni min-naħa tagħhom tad-data li jmiss biss pero jidher li din ser tkun f' Mejju.

10.5.4 Is-Sindku semma li kienet ħarġet sejħa għall-voluntiera sabiex jgħinu fil-Homework Club.

10.5.5 Is-Sindku semma talab lill-Kunsilliera responsabbli mill-isports sabiex jieħdu ħsieb u jaraw kif ser jikkordinaw sabiex residenti jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-pixxina tal-Kottonera.

10.5.6 Is-Sindku semma li kienu intalbu sabiex issiru MoUs mal-kumpaniji li ser jieħdu ħsieb jagħmlu l-App tal-Kunsill.

10.5.7 Is-Sindku kien semma li kien sar avviż tas-servizz li l-Kunsill qed joffri mingħand The Notebook Centre.

10.5.8 Is-Sindku semma li l-Kunsill kien ser japplika għall-iskema tal-SPI sabiex isir il-Karnival fis-sena 2026 kif ukoll il-Clean Up matul ix-xhar ta' Settembru. Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil li l-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi kif maqbul.

10.5.9 Is-Sindku fakkar fl-Anniversarju ta' Mark Farrugia u li nhar 20 ta' Marzu fid-9am ser ikun hemm it-tqegħied tal-kuruni.

**10.6 Komunikazzjoni oħra.**

10.6.1 Is-Sur Neil Portelli semma li kien hemm xi residenti li resqu petizzjoni ftit jiem biss qabel din l-laqgħa u wara li kienet saret anki l-laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti sabiex tingħlaq Triq il-Witja. Semma li kien hemm xi xgħolijiet li kienu saru mill-Kuntrattur meta dan kellu direzzjoni sabiex ma jibdiex minħabba li r-residenti kienu għadhom mhux ikkonsultati u jidher li kien hemm xi diżgwit ma' xi residenti li finalment beda jibgħathom jilmentaw fl-uffiċċju tal-Kunsill.

TARXIEN
Local Council

Is-Sindku semma li l-Kunsill issa kien irċieva petizzjoni mir-residenti. Is-Sur Portelli semma li hemm qbil bejn il-Kunsill li din id-daħla terġgħa tinfetaħ u tkun aċċessibbli dan peress li residenti fit-toroq tal-madwar ġew affetwati ħażin wara li kellhom jibdew idur minn ħafna toroq sabiex jaslu d-dar.

Fid-dawl tad-diskussjoni s-Sur Neil Portelli ressaq proposta sabiex din ma tingħalaqx, il-proposta kienet issekondata mis-Sa. Darlene Vella. Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tinforma lir-residenti li bagħtu l-komunikazzjoni u żżomm lil kulħadd ikkupjat inkluż il-Ministru.

10.6.2 Kien ukoll diskuss ilment li daħħal il-Kunsill fuq pjanti li kienu qed jostakolaw l-aċċess tal-bankina. Is-Sindku semma li hu stess kien ser imur ikellem lir-resident.

10.6.3 Is-Sindku semma li daħlet rikjesta minn residenti ġewwa Triq ~~Simonds~~ Simmons Road li dawn jixtiequ li fil-pjazzetta titpoġġa statwa tal-Qalb ta' Ġesu. Semma li kien ġab kwotazzjoni tal-istatwa u kien hemm qbil li din l-inizjattiva għandha ssir. Is-Sur Neil Portelli semma li wieħed għandu jitkellem mal-Perit minħabba DNO li hemm bżonn.

10.6.4 Is-Sindku semma li rċieva talba sabiex waqt il-ġimgħa tal-festa tingħalaq il-pjazza l-ħin kollu. Semma li dan ma jistax ikun minħabba l-aċċess għar-residenti, transport pubbliku u l-ħwienet li hemm. Kien hemm qbil li l-għeluq tal-pjazza f' dik il-ġimgħa jsir bħas-soltu mit-3pm 'l quddiem.

10.6.5 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill mhux ser jagħmel toqob ġodda għall-arbli. Kien hemm qbil bejn dawk preżenti.

10.6.6 Is-Sindku semma li kien ser jerġgħa' juża s-servizz tal-Correctional Service Agency għar-riġenerazzjoni ta' diversi spazji miftuħa ġewwa Ħal Tarxien. Semma li l-ispiża hija ta' €5,000 eskluż il-materjal. Semma li l-materjal ser jieħu ħsiebu l-Kunsill. Semma li fost dawn l-ispazji hemm Ġnien 2000, Misraħ Buleben u Ġnien Ovindoli. Il-Kunsilliera semmew li għandhom jiġu installati CCTVs.

10.6.7 Kien hemm diskussjoni fuq Ġnien Joanne fejn il-parti ta' fuq tal-Ġnien li tmiss mat-triq tkun Pet Friendly. Semmew il-possibbilita' li jitwaħħlu tabelli rigward l-aċċess tal-klieb fi spazji miftuħa. Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li ser tkun qed tfittex il-linji gwida. Is-Sindku semma li fil-parti ta' fuq tal-Ġnien Joanne nagħmlu xi tip ta' gaġġa kbira bl-għasafar.

10.6.8 Is-Sur Neil Portelli semma li huwa għadu qed jikkomunika mal-Perit kif ukoll mal-Public Works sabiex tibda l-implimentazzjoni ta' riġenerazzjoni ta' bankini mad-dawra ta' Ġnien Joanne kif ukoll toroq tal-madwar.

**10.7 Preżentazzjoni u approvazzjoni Rapport Awditjat Finanzjarju għas-sena 2024**

10.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-Rapport Finanzjarju Awditjat għas-Sena 2025. Tat rendikont tal-punti maġġuri li kellhom jiġu aġġustati wara l-awditjar biss pero l-Kunsill żamm is-surplus li kien indikat.

10.7.2 Is-Seġretarju Eżekuttiv u s-Sindku rringrazzjaw lill-ħaddiema tal-kooperazzjoni tagħhom kif ukoll lill-awdituri li għamlu xogħolhom b' tant effiċjenza.

10.7.3 Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sa. Darlene Vella, bi qbil unanimu l-Kunsill approva r-Rapport.

**10.8 Preżentazzjoni u approvazzjoni Management Letter u Management Reply għas-sena Finanzjarju 2024**

10.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat l-ittra li l-awdituri bagħtu lill-Kunsill. Semmiet li huwa mportanti li l-Kunsill jagħmel ħiltu kollha sabiex uffiċċjalment tingħalaq il-Joint Venture li hemm bejn il-Kunsill u xi persuni oħra fuq il-5 a side. Dan minħabba, li minħabba din, l-awdituri qed jagħlqu bi qualified opinion fuq il-Kunsill. Semmiet li l-problema qiegħda kif ser naċċessaw d-dokumenti mal-VAT Department.

10.8.2 Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sa. Darlene Vella, il-Management Reply kienet approvata.

**10.9 Aġġornament**

10.9.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-tmienja ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tlieta, 29 t' April 2025 fil-17:30 fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**